**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 2 ta’ Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 555/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Anton Vlad Ilief**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta’ Novembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta’ elfejn, mitejn, erbgħa u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€2,284.16ċ) prezz ta’ servizzi elettroniċi ta’ komunikazzjoni prestati lilu mis-soċjeta’ Mobisle Communications Limited, liema kumpanija kienet sussegwentement amalgamata fis-soċjeta’ attriċi, fuq il-kont numru 40546363, wara li l-istess konvenut baqa’ ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta’ attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, u l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta’ attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta’ din il-kawża (Dok.‘A’, fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta’ attriċi kellha mal-konvenut (Dok.‘B’, fol. 4-10); u (iii)

affidavit ta' Charmaine Wiffen li fih ir-rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi ddikjarat li l-ammont mitlub b'din il-kawża huwa dovut mill-konvenut lill-istess soċjeta' attriċi (Dok.'E', fol. 11).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tad-19 t a' April 2017, Marianne Camilleri għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elfejn, mitejn, erbgħa u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€2,284.16ċ), bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**